MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru. 31/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**PIJU GRECH**

**Seduta ta' llum 31 ta' Ottubru 2008**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIJU GRECH** ta' tnejn u tletin sena, iben Emanuel u Carmen nee Vella, imwieled nhar l-erbgha ta' Frar, 1973, Victoria, Ghawdex u residenti "Home Sweet Home', Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 4773G kien gie mressaq quddiemha nhar s-sbatax ta' Novembru 2005, akkuzat talli fit-tmintax ta' Frar 2004, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif susseggwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija. minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjez involuti fil-hatra t’esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Kienet semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar is-sbatax ta’ Novembru 2005 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti kienet wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u kienet taghtu zmien xieraq sabiex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sbatax ta’ Novembru 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, kienet sodisfatta li l-

imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Kienet semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza b'mod partikolari li l-imputat kien ikkopera mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta mill-istqarrija esibita fl-atti bhala Dok. MC kif wkoll li l-imputat kien jinsab taħt s-sorveljanza tal-Probation Officer Ivan Sultana.

Kien rat wkoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn kien jirrizulta li din kienet l-ewwel darba li l-imputat kien qed jinstab hati ta' pussess ta' droga, ghalkemm registrat fuq il-fedina penali tieghu kien hemm numru ta' kontravenzjonijiet ta' portata zghira.
Dwar il-piena l-Qorti kienet hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` kienet qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fedina penali tieghu.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti kienet rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kienet iddikjarat li kienet qed issib lill-imputat PIJU GRECH hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u ddeciediet li titratta mal-hati billi tpoggih taht sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin u dana skond l-ordni tal-probation anness ma dik is-sentenza.

Il-Qorti kienet ordnat wkoll li kopja ta' din is-sentenza kellha tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond l-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jinnomina persuna idoneja ghal dan il-ghan.

Il-Qorti kienet wkoll spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati probationer u x'jigri f'kaz illi huwa jonqos li josservha.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2007, l-Ufficcjal tal-Probation Ivan Sultana ippresenta fir-Registru ta' din il-Qorti nota ta' denunzja fejn fost affarijiet ohra stqarr li l-imputat kien qed

jonqos li jzomm ruhu f'kuntatt mal-agenzija ta' kontra l-abbuza mid-droga sabiex jiehu l-kura necessarja minhabba l-problema li kellu, skond d-direttiva minnu moghtija sabiex jigi assigurat li hu jzomm boghod mill-vizzju tad-droga u li b'konsegwenza ta' din il-problema, l-imgieba tieghu kienet qed tkun wahda negattiva specjalment fil-konfront ta' martu fejn din sahansitra anke rrappurtat li gie abbuzata fizikament minnu.

Illi nhar l-ewwel t'Awwissu 2008, **xehed l-Probation Officer Ivan Sultana** (fol 42) fejn stqarr li tul l-probation li kellu l-imputat Piju Grech, huwa kellu problema ta' droga u minkejja d-diversi tentattivi li saru biex johrog minn din l-problema ta' droga, l-imputat kien jghid iva pero effettivament ma kien jaghmel xejn sabiex jipprova johrog minn din il-problema. Qal li sar jaf wkoll li fil-perjodu ta' probation li l-imputat kellu, dan kellu xi jghid ma martu sahansitra anke kien vjolenti maghha f'mod fiziku w ghalhekk kien dahhal l-imsemmija denunzja.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju tant mishut.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi pero f'dan il-kaz il-Qorti, f'dan l-istadju ma thossx li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta u dan ghaliex mhux qed igib ruhu sew w ghalhekk tinnota li l-isforz tieghu sabiex jgheleb l-problema li hu ghandu t'abbuz mid-droga, mhux wiehed genwin.

Din il-Qorti diga kienet klementi mieghu meta poggietu taħt ordni ta' ufficjal tal-probation meta tat s-sentenza taghha nhar l-erbatax t'April 2005.

Illi pero, l-imputat ma tghallimx jisfrutta l-opportunita li nghata u dan ghaliex minflok ma segwa l-ordni tal-probation, huwa kompla fit-triq tal-kriminalita, mhux talli baqa jabbuza mis-sustanzi lleciti kif qal l-ufficcjal tal-probation, izda sahansitra anke beda jkun vjolenti ma martu.

Din il-Qorti ma tistax taccetta dan l-komportament tal-imputat w ghalhekk thoss li wasal z-zmien li tuza l-id iebsa taghha u timponi piena karcerarja fuqu u dan sabiex forsi titrezzan darba ghal dejjem din l-imgieba arroganti tieghu u jiehu dak li haqqu.

Il-Qorti hija konxja wkoll mill-fatt li hija sejra taghti sentenza ohra fil-konfront tal-imputat odjern illum stess fl-istess ismijiet premessi bl-istess akkuzi, meta ghaddiet biex taghti l-piena idoneja taghha.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputat PIJU GRECH naqas li jaderixxi ruhu mal-kundizzjonijiet moghtija lilu fis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu nhar l-erbatax (14) t'April 2005 u tiddecidi li tikkundannah ghar-reat li tieghu sabitu hati f'dik s-sentenza l-erbatax (14) t'April 2005, u cioe pussess ta' droga Eroina, ghal perjodu ta' sena [1] prigunerija effettiva.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------